# Appell EPSU: il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tilqa’ t-talba tal-imsieħba soċjali intiża li timplimenta, fil-livell tal-Unjoni, il-ftehim li huma kkonkludew

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali u tfakkar il-marġni ta’ diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-opportunità li tippreżenta lill-Kunsill proposta intiża għal tali implimentazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 155(2) TFUE*

F’April 2015, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni dwar l-eventwali estensjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni ta’ diversi Direttivi dwar l-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni tal-Ħaddiema [1] għall-uffiċjali u għall-impjegati tal-gvern ċentrali tal-Istati Membri. Xi xhur wara, fil-kuntest ta’ din il-konsultazzjoni, żewġ imsieħba soċjali, id-Delegazzjoni tas-Sindakati Nazzjonali u l-Amministrazzjoni Ewropea (TUNED) u l-Persuni li Jimpjegaw tal-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea (EAPE), ikkonkludew ftehim li jistabbilixxi qafas ġenerali li jipprevedi l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-uffiċjali u tal-impjegati ta’ dawn l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Il-partijiet għall-ftehim sussegwentement talbu lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea proposta ta’ deċiżjoni li timplimenta dan il-ftehim fil-livell tal-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 155(2) TFUE [2]. Permezz ta’ deċiżjoni tal-5 ta’ Marzu 2018, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħhom (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kontenzjuża”).

F’Mejju 2018, il-European Public Service Unions (EPSU), assoċjazzjoni li tiġbor fi ħdanha organizzazzjonijiet sindakali Ewropej li jirrappreżentaw lill-ħaddiema tas-servizzi pubbliċi u li kkontribwixxiet għall-ħolqien tat-TUNED, ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fejn talbet l-annullament tagħha. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors [3], billi qieset li l-Artikolu 155(2) TFUE ma jobbligax lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jilqgħu talba konġunta mressqa mill-partijiet firmatarji ta’ ftehim u intiża għall-implimentazzjoni ta’ dan il-ftehim fil-livell tal-Unjoni. Wara li kkunsidrat li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha tkun suġġetta għal stħarriġ ristrett, il-Qorti Ġenerali qieset li din id-deċiżjoni kienet tissodisfa l-obbligu ta’ motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE, u li l-motivi kkontestati tal-imsemmija deċiżjoni kienu fondati.

Adita b’appell ippreżentat mill-EPSU, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, billi tfakkar il-marġni ta’ diskrezzjoni rikonoxxut lill-Kummissjoni f’dan il-qasam u l-istħarriġ ġudizzjarju limitat relatat ma’ tali deċiżjonijiet.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1 Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta’ Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327), Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta’ l-impjegati fil-każ ta’ trasferiment ta’ impriżi, negozji jew partijiet ta’ impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98), u Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta’ l-impjegati fil-Komunità Ewropea [- Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 219).

2 Essenzjalment, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-implimentazzjoni tal-ftehimiet konklużi bejn imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni sseħħ jew skont il-proċeduri u l-prattiki speċifiċi għalihom u għall-Istati Membri, jew, fl-oqsma li jaqgħu taħt l-Artikolu 153 TFUE (jiġifieri, oqsma li jaqgħu taħt il-politika soċjali), fuq talba konġunta tal-partijiet firmatarji, permezz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni.

3 Sentenza tal-24 ta’ Ottubru 2019, EPSU u Goudriaan vs Il-Kummissjoni, T-310/18.

Fir-rigward qabelxejn tal-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 155(2) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li din id-dispożizzjoni ma tinkludix indikazzjoni dwar eventwali obbligu tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal deċiżjoni lill-Kunsill. Għalhekk, il-formulazzjonijiet imperattivi użati f'diversi verżjonijiet lingwistiċi huma intiżi biss sabiex jesprimu n-natura esklużiva taż-żewġ proċeduri alternattivi li huma previsti fihom, peress li waħda minnhom hija proċedura speċifika li twassal għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni.

Sussegwentement, fir-rigward tal-interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza din id-dispożizzjoni fil-kuntest tas-setgħat mogħtija mit-Trattati lill-Kummissjoni, u, b'mod partikolari, mill-Artikolu 17 TUE, li l-paragrafu 1 tiegħu jattribwixxi lil din l-istituzzjoni l-missjoni li tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni, u li l-paragrafu 2 tiegħu jirrikonoxxilha s-setgħa ta' inizjattiva leġiżlattiva ġenerali. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Artikolu 155(2) TFUE jagħti lill-Kummissjoni kompetenza speċifika, li taqa' fil-kuntest tar-rwol assenjat lilha fl-Artikolu 17(1) TUE, u li jikkonsisti fl-evalwazzjoni tal-opportunità li tagħmel proposta lill-Kunsill abbażi ta' ftehim konkluż bejn imsieħba soċjali fid-dawl tal-implimentazzjoni tiegħu fil-livell tal-Unjoni. Interpretazzjoni differenti jkollha r-riżultat li tagħti preċedenza lill-interessi tal-imsieħba soċjali firmatarji ta' ftehim fuq il-funzjoni ta' promozzjoni tal-interess ġenerali tal-Unjoni li għandha l-Kummissjoni. L-awtonomija tal-imsieħba soċjali, stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 152 TFUE u li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tad-djalogu soċjali promoss bħala għan tal-Unjoni permezz tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE, ma tikkontestax din il-konklużjoni. L-eżistenza ta' din l-awtonomija, li tikkaratterizza l-fażi ta' negozjati ta' ftehim eventwali bejn l-imsieħba soċjali, ma tfissirx li l-Kummissjoni għandha tippreżenta awtomatikament lill-Kunsill proposta ta' deċiżjoni li timplimenta, fil-livell tal-Unjoni, tali ftehim fuq talba tagħhom, għaliex dan iwassal sabiex dawn l-imsieħba soċjali jingħataw setgħa fuq inizjattiva tagħhom stess li ma hijiex tagħhom.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-kwistjoni tan-natura leġiżlattiva tal-atti ġuridiċi adottati abbażi tal-Artikolu 155(2) TFUE, imqajma mill-EPSU, hija distinta minn dik tas-setgħa li għandha l-Kummissjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-opportunità li tippreżenta lill-Kunsill proposta bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni u li l-portata ta' din is-setgħa tal-Kummissjoni hija l-istess, irrispettivament minn jekk l-att huwiex ta' natura leġiżlattiva jew le.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kwistjoni tal-livell ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-opportunità li tippreżenta proposta lill-Kunsill bis-saħħa tal-Artikolu 155(2) TFUE. Minħabba fl-evalwazzjonijiet kumplessi li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward, l-istħarriġ ġudizzjarju li jirrigwarda dan it-tip ta' deċiżjonijiet huwa limitat. Tali limitazzjoni hija meħtieġa b'mod partikolari meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkollhom, bħal f'dan il-każ, jieħdu inkunsiderazzjoni interessi potenzjalment diverġenti u jieħdu deċiżjonijiet li jimplikaw għażliet politiċi li jieħdu inkunsiderazzjoni kunsiderazzjonijiet ta' natura politika, ekonomika u soċjali.

Fl-aħħar, l-appellanti allegat ksur tal-aspettattivi leġittimi, billi qieset li l-Kummissjoni kienet tbiegħdet mill-komunikazzjonijiet preċedenti tagħha ppubblikati fil-qasam tal-politika soċjali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, ċertament, billi tadotta regoli ta' kondotta u billi tħabbar, permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom, li hija ser tapplikahom minn issa 'il quddiem għall-każijiet ikkonċernati minnhom, istituzzjoni tillimita lilha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha. Madankollu, fl-assenza ta' impenn espliċitu u inekwivoku min-naħa tal-Kummissjoni, ma jistax jitqies li din tal-aħħar f'dan il-każ illimitat lilha nnifisha fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha prevista minn dispożizzjoni tad-dritt primarju, billi impenjat ruħha li teżamina esklużivament ċerti kunsiderazzjonijiet speċifiċi qabel ma tippreżenta l-proposta tagħha, u b'hekk ittrasformat din is-setgħa diskrezzjonali f'setgħa li hija marbuta ladarba jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi, u tiċħad l-appell tal-EPSU fl-intier tiegħu.

---

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors

ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*